**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**ONOR. MAĠISTRAT LARA LANFRANCO MA Law (Melit), B.A., LL.D.**

Repubbblika ta' Malta

Vs

Tyson Bugeja

Illum il-11 ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Tyson Bugeja ta' tmienja u għoxrin (28) sena, iben Francis Bugeja u Jacqueline xebba Bugeja, imwieled nhar it-tmienja u għoxrin (28) t'Awwissu tas-sena elf disgħa mija ħamsa u disgħin (1995) ġewwa l-Pieta', Malta u residenti ġewwa Blk G, Ent A, Flat 2, Sqaq tal-Frakass, Fuq tal-Hawli, Birgu, u detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru**: 0414895M li tressaq taħt arrest nhar it-18 ta' Diċembru 2023 f**'isem ir-Repubblika ta' Malta, akkużat talli fis-sittax (16) ta' Diċembru tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023), għal ħabta tal-ħdax ta' filgħodu ġewwa il-fond bin-numru erbatax (14), Fuq Verdala, Bormla u/jew fil-viċinanzi f'dawn il-gżejjer, talli:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqieghed il-ħajja ta' haddiehor f'periklu car u cioe ta' ***Miraine Bugeja*** , volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tagħha, u ċioe' offiża ta' **natura gravi** fuq il-persuna tagħha, hekk kif iċċertifikat **Dr. Lara Saliba MD** (Med Reg 4488) mid-Dipartiment ta' Emergenza mill-Isptar Mater Dei; Artikoli *214, 215, 216, 218, 222(1), 202(h), 208(AC) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħebb sabiex jinġurja, iddejjaq jew jagħmel ħsara lil ***Miraine Bugeja***, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi *Artikolu 339 (1) (d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew tħeddid mhux imsemmijja band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil lil ***Miraine Bugeja***, jew, jekk kien ipprovokat, inġurjajha b'mod li ħareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni *Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkawża lil haddiehor u cioe' lil ***Miraine Bugeja*** biża' li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) u 202(h); Artikoli 251 (3) u 251B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dott. Monica Vella, LL.D. fid-digriet tagħha tat-tnax (12) ta' Novembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) li bih tat il-ħelsien mill-arrest;

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Malta) Onor. Imħallef Dott. Neville Camilleri, LL.D. fid-digriet tiegħu tat-tlettax (13) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) li bih ta' l-ħelsien mill-arrest;

7. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dott. Abigail Critien,

LL.D. fid-digriet tagħha ta' l-erbgħa (04) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) li bih tat il-ħelsien mill- arrest;

8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, irrenda ruhu **reċidiv** ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta waqt il-mori tal-kawża u f'każ ta' ħtija ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta favur l-vittma ossia favur ***Miraine Bugeja.*** IN oltre l-Qorti ġiet ġentilment mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lill-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat d-dokumenti kollha eżebiti mill-prosekuzzjoni fosthom l-istqarrija tal-imputat Tyson Bugeja.

Rat illi matul is-seduta datata il-11 ta' Jannar 2024, il-parte ċivile f'dawn il-proċeduri ddikjarat bi-ġurament tagħha illi hi ma xtaqitx tixhed fil-konfront tal-imputat u in oltre saħqet ukoll illi ma kellhiex interess ulterjuri li dawn il-proċeduri jitkomplew. Din il-Qorti semgħet ukoll il-parte ċivile tiddikjara illi hi tixtieq tirrikonċilja r-relazzjoni li hi kellha mal-imputat u għalhekk tixtieq ittiħ ċans ieħor għal dan il-fini apparti li spjegat lil din il-Qorti illi huma għandhom wild komuni ta' ħames snin ma min l-imputat dejjem ġab ruħu ta' missier kif jixraq. Qalet ukoll fuq mistoqsija ta' din il-Qorti dejjem illi hi ma ġietx imġiegħla tagħmel din id-dikjarazzjoni minn ħadd u li fil-fatt kienet deċiżjoni li ħadet minn jeddha tant illi ikkonfermat ukoll illi ċemplet lill-avukat tal-imputat *di sua sponte* fuq medda ta' jumejn qabel is-seduta in mertu sabiex tinformah bl-intenzjonijiet tagħha kif spjegat lil din il-Qorti. Apparti minn hekk, din

il-Qorti nnutat illi l-parte ċivile akkumpanjat lill-imputat u kienet qed tikkomunika miegħu mingħajr l-ebda inkwiet u b'faċilita' matul is-seduta in mertu.

Il-Qorti semgħet ukoll l-osservazzjonijiet tal-partijiet kollha inkluż tal-Avukat Ġenerali dwar ix-xewqa tal-parte ċivile.

Ikkunsidrat :

Illi magħdud dan kollu u apparti għal dak hawn fuq dispost, din il-Qorti tagħmel referenza wkoll għad-dattami tal-artikolu 543 tal-Kodiċi Kriminali illi jimmensjona l-istanzi fejn l-pulizija jkunu jistgħu jipproċedu ex officio apparti dawk mensjonati taħt l-artikolu 373 tal-Kodiċi Kriminali u fejn skond il-paragrafu (e) ta' din id-disposizzjoni, jirriżulta wkoll meta xi reat ikun allegatament jinvolvi vjolenza domestika bħalma huwa l-każ hawnhekk u dan fid-dawl tal-Att dwar il-Vjolenza Domestika u dak li hemm dispost fl-artikolu 2 tal-istess Att. Konsiderando pero id-dettami tal-artikolu 543(e) u l-proviso tal-istess kif ukoll dak li semgħet u rat il-Qorti kif ippreseduta, u fid-dawl tar-rinunzja li għamlet is-sinjorina Bugeja fil-konfront tal-imputat kif ukoll dak illi jirriżulta mill-atti proċesswali u konsiderando dak li ġie sottomess mill-parte ċivile din il-Qorti tħoss illi għandha tagħti ċans ieħor lill-imputat fid-dawl tax-xewqat espressi mill-parte ċivile u dan potenzjalment anki fl-aħjar interess ta' binthom illi din il-Qorti tittama li tibbenefika minn din ir-rikonċiljazzjoni. Kwindi għal dak li jirrigwarda l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba imputazzjonijiet, dawn ser ikunu direttament affettwati mid-dettami ta' din id-deposizzjoni kif ser jirriżulta fid-deċide ta' din is-sentenza aktar il-quddiem.

Għalhekk u għal dawn ir-raġunijiet, peress li din il-kawża ġiet istitwita quddiem din il-Qorti bħala Qorti Struttorja, din il-Qorti ser konsegwentement tikkonverti ruħha f'waħda ta' ġudikatura kriminali sabiex tkun tista tipproċedi għas-sentenza.

Ikkusidrat:

Illi għar-rigward tar-rimanenti imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat u ċioe il-ħames, is-sitt, is-seba u t-tmien imputazzjoni, dawn huma reati li fid-dawl tar-rinunzja

li saret għall-ewwel erba imputazzjonijiet ma jistgħux jirriżultaw u dan peress illi jikkonsistwixxu fi ksur ta' kundizzjonijiet kif ukoll l-addebitu tar-reċidiva li allura jistgħu jirriżultaw biss jekk l-imputat jinstab ħati ta' xi waħda jew oħra mill-ewwel erba imputazzjonijiet imressqa kontra tiegħu.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi wara li din il-Qorti rat l-artikoli 214, 215, 216, 218, 222(1), 202(h), 208(AC), 339(1)(d), 339(1)(e), 222(1) u 202(h); Artikoli 251 (3) u 251B, 579, 412C, 49, 50 u 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

**Qedgħa tilqa t-talba għar-rinunzja tal-Parte Ċivile għal dak li jirrigwarda l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba imputazzjonijiet fejn konsegwentement din il-Qorti qedgħa tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom għar-rigward l-imputat.**

**Konsegwentement din il-Qorti qed issib illi imputat Tyson Bugeja mhux ħati tal-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement tilliberaħ minn kull ħtija u piena minnhom.**

**DR. LARA LANFRANCO**

**Maġistrat** **Deputat Reġistratur**